DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1234

tas-26 ta' Lulju 2016

li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandati saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġew proposti s-Sur Carlo FIDANZA (*Assessore di Veleso (CO)*) u s-Sur Giuseppe VARACALLI (*Sindaco del Comune di Gerace (RC)*),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Carlo FIDANZA, *Consigliere del Comune di Rosazza (BI)* (bidla tal-mandat),

— Is-Sur Giuseppe VARACALLI, *Consigliere del Comune di Gerace (RC)* (bidla tal-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
M. LAJČÁK

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).